## 9 ta' Frar, 1957

## Imħallef:—

## Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija *versus* John Fiott Grima et.**

## Penali — Indiviżibilità — Solidarjetà

*Jekk wieħed jiġi mħarrek biex jiġi kundannat iħallas penali nkorsa minħabba li ma eżegwiex sentenza li kienet ordnatlu jagħmel xi xogħol taħt penali ta' tant kulljum għal kull ġurnata ta' ritard, imma ma tkunx saret fiċ-ċitazzjoni talba għall-ħlas ta' dik il-penali, l-imputat għandu biss jiġi dikjarat ħati li naqas jagħmel dak ix-xogħol u li rrenda ruħu passibbli ta' dik il-penali, imma ma għandux jiġi kundannat għall-ħlas ta' dik il-penali.*

*Jekk is-sentenza preċedenti kienet ordnat li x-xogħol isir f'post li kien ġie trasferit lil tnejn minn nies, u dawn jiġu mħarrkin biex iħallsu l-penali komminata kontra s-sid preċedenti, huma ma għandhomx jiġu kundannati jħallsu penali kull wieħed; għax l-obligazzjoni kienet waħda, u tibqa' waħda anki meta l-fond jgħaddi fuq diversi b'effett tal-aljenazzjoni. Biss, peress li l-adempiment għandu jkun integrali, għalhekk dik l-obligazzjoni ma tinqasamx "pro rata", imma jsir b'mod li kull wieħed minnhom iħallas sehem "pro rata" mil-penali; u ma jsirx b'mod li kull wieħed minnhom ikun tenut għall-parti tiegħu mill-penali, imma din tgħaddi indiviżibilment fihom it-tnejn, b'mod li tipproduċi ruħha s-solidarjetà, bla però ma l-penali tidduplika ruħha; u l-kundanna għandha tkun għal penali unika, titħallas solidarjament bejniethom. Salv dejjem, "si et quatenus", kull dritt kontra l-awtur tagħhom f'sedi oħra.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni kontra John Fiott Grima u Ferdinand Fiott Grima talli, bħala persuni li għaddiet f'idejhom il-proprjetà ta' Giustu Mercieca, naqsu milli jagħmlu x-xogħol ordnat mill-Qorti bis-sentenza mogħtija kontra tiegħu fl-1 ta' April 1947 fiż-żmien stabbilit, li għa-

laq fl-1 ta' April 1948, ċjoè żammew dar f'Pawla, St. Ubaldesca Street kantuniera ma' Burial Street, issa bl-isem ta' "Carmen House", b'kamra fl-ewwel pjan bil-ħitan esposti għax-xita mhux tal-ħxuna li titlob il-liġi;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-28 ta' Novembru 1956, li biha sabet liż-żewġ imputati John Fiott Grima u Ferdinand Fiott Grima ħatjin skond l-imputazzjoni; u kkundannathom għal £391 kull wieħed penali ammenda sat-23 ta' Ottubru 1956, meta ħarġet iċ-ċitazzjoni, salva kwalunkwe penali futura;

Rat ir-rikors li bih l-imputati appellaw, u talbu r-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, billi huma jiġu assolti;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Tnejn huma l-aggravji dedotti f'dan l-appell: wieħed, li ma kienx hemm fiċ-ċitazzjoni talba għall-penali; u t-tieni, li l-penali ma għandhiex tiġi kalkulata fit-totalità tagħha għal kull wieħed mill-imputati;

Fuq l-ewwel gravam;

Dan hu fondat. Fiċ-ċitazzjoni preżenti lanqas biss tissemma l-penali. F'ċitazzjonijiet simili għandu jkun hemm it-talba għall-penali, bl-indikazzjoni tal-perijodu li għalieh qegħedha tiġi mitluba u tas-somma kalkulata għal dak il-perijodu. Ir-raġunijiet a bażi tal-prinċipju riaffermat minn din il-Qorti huma dawn:—

1. Iċ-ċitazzjoni hija ntiża sabiex l-imputat, mill-mument inizjali tal-proċediment, ikun jaf sewwa x'qed jiġi addebitat lilu. Iċ-ċitazzjoni odjerna ssemmi biss l-addebitu tan-nuqqas tal-eżekuzzjoni tas-sentenza preċedenti, imma ma hemmx l-addebitu dwar il-kundanna għal "tot" penali; anzi, kif ingħad, lanqas biss tissemma l-penali;

2. Dan hu ġudizzju li, għal dik il-parti tal-ħlas tal-penali, hu ta indoli likwidatorja, eżegwibbli mill-Qorti Kriminali, iżda bil-forom u l-mezzi stabbiliti għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi "civiliter". Issa, ma hux konċepibbli mezz eżekutiv, qabel ma jkun hemm it-talba għall-likwidazzjoni u l-effettiva likwidazzjoni tad-dovut;

3. Is-sempliċi addebitu tan-nuqqas ma hux biżżejjed biex tiġi mpustata kif imiss il-vertenza bejn il-Prosekuzzjoni u l-imputat; għax jista' jkun li, għalkemm ikun skada t-terminu prefiss fl-ewwel sentenza, pero n-nuqqas dam għal ċertu perijodu biss, antecedenti għaċ-ċitazzjoni; jista' jkun ukoll li kien hemm xi proroga ta' dak it-terminu; jista' jkun li kien hemm xi motiv sopraġġunt wara l-ewwel sentenza, li jispjega n-nuqqas għal xi parti tal-perijodu. Għal hekk jeħtieġ li l-pożizzjoni tkun ċara, bl-indikazzjoni fiċ-ċitazzjoni tat-talba tal-penali u bl-indikazzjoni tal-perijodu u l-ammont tagħha;

4. Fil-prattika, il-penali dejjem issemmiet (ara, "passim", Vol. XXXV-IV-739 u 742; u Vol. XXXIII-IV-634; Appell "Pulizija vs. Zammit et.", 10 ta' April 1954; Appell "Pulizija vs. Caruana Soler", 16 ta' April 1955), ħlief meta, s'intendi, iċ-ċitazzjoni ssir bla kont;

Fuq it-tieni gravam;

Il-kundanna oriġinali kienet kontra Mercieca, awtur taż-żewġ imputati — ara kopja fol. 2. Is-sanzjoni kienet, f'każ ta' ritard jew inadempiment, ta' 2s. 6d. kulljum. Ma tistax din is-sanzjoni tiġi arbitrarjament awmentata għax il-fond, allura ta' sid wieħed, il-lum inxtara minn tnejn. L-obligazzjoni kienet waħda, u tibqa' waħda anki meta tgħaddi fuq diversi b'effett tal-aljenazzjoni. Biss, peress li l-adempiment għandu jkun integrali, għalhekk dik l-obligazzjoni ma tinqasamx "pro rata", u ma jsirx b'mod li kull wieħed mit-tnejn, f'dan il-każ, ikun tenut għal 1s. 3d. kulljum pe-

nali imma tgħaddi indiviżibilment fit-tnejn, b'mod li tipproduċi s-solidarjetà, bla ma però tidduplika ruħha;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirriforma s-sentenza appellata, fis-sens li ssib ħatjin liż-żweġ imputati talli naqsu li jagħmlu x-xogħol imsemmi fiċ-ċitazzjoni u rrendew ruħhom passibbli ta' penali unika ta' 2s. 6d. kulljum, titħallas (meta tiġi likwidata) "in solidum" bejniethom; u stante li ma kienx hemm fiċ-ċitazzjoni t-talba għall-ħlas, fis-sens fuq espost, anzi lanqas issemmiet il-penali, tneħħi dik il-parti tas-sentenza appellata fejn hemm il-kundanna attwali għall-penali; salv dejjem, "si et quatenus", kull dritt tal-imputati kontra l-awtur tagħhom Mercieca f'sedi oħra.